**Kunsill Lokali Safi**

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
E-Mail: safi.lc@gov.mt      Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Id-Disa' Leġiżlatura

Laqgħa Numru 10/2024

6 ta' Awwissu, 2024

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fil-5:00pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Francis Callus | ViċiSindku |
| Kurt Debono | Kunsillier |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Claire Zammit | Kunsilliera |

Uffiċċjal Preżenti:

Doris Baldacchino: Segretarju Eżekuttiv

**10.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji

**10.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Kunsillieri qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

Is-Sindku qal li ref punt 9.2.5 (xufier van) il-Kunsill issa kellu xufier ġdid. Is-Sindku qal li ix-xufier kien jidher li sejjer mhux ħażin pero' sfortunantament hemm il-ħsieb li jirtira u għalhekk kellu biss sal-aħħar ta' Ottubru, 2024.

Is-Sindku qal li minħabba l-festa kien tkellem max-xufier sabiex inkunu nistgħu nagħtu s-servizz ta' shuttle service meta l-pjazza tkun magħluqa għal żmien il-festa. Is-Sindku kkonferma li x-xufier kien aċċetta li jidħol kmieni sabiex inkunu nistgħu nagħtu s-servizz mis-6:00am sa nofsinhar mill-għada ta' Santa Marija.

Is-Sindku qal li ref punt 9.2.6 (xkaffar) kien tkellem mal-Malta Libraries li qablu li l-Kunsill jixtri l-materjal u l-Malta Libraries jagħmlu x-xogħol tal-iskaffar.

Is-Sindku qal li ref punt 9.2.7 (kiri tas-sala) kien għad ma ġiex iħallas pero' kien qed jitlob l-użu tas-sala mill-4 ta' Diċembru, 2024 sas-7 ta' Diċembru, 2024.

Is-Sindku qal li ref punt 9.2.9 (isem ġdid għal sqaq fi Triq San Tumas int u sejjer lejn il-Ħlantun) l-istess persuna kienet reġgħet ikkuntattjat il-Kunsill biex ma jiproċedix u jbiddel l-isem tal-isqaq għaliex kien ser jinħolqilha l-problema li tkun trid tbiddel l-identity card u d-dettalji tal-kumpanija tagħha. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li ma nipproċedux.

Is-Sindku qal li fil-fehma tiegħu l-aktar li ma kinitx tagħmel sens kien Triq San Tumas li kienet tibda mill-parti d-dejqa ħdejn il-Mużew, tkompli għal Triq Qerd in-Naħal u terġa' tibda parti oħra bl-istess isem ta' Triq San Tumas. Is-Sindku kkonferma li kien tkellem mal-Istreet Naming Committee fuq din il-kwistjoni u ssuġġerew li f'dak il-każ jinbidel l-isem tat-tieni parti tat-triq għaliex ma jidhirlux li kienu joqogħdu nies f'din il-parti tat-triq. Il-Viċi Sindku qal li kien hemm xi persuni joqogħdu u għalhekk wara li saret diskussjoni l-Kunsill qabel li l-ewwel għandna nikkunttatjaw b'ittra l-persuni nvoluti qabel ma' l-Kunsill jieħu azzjoni u japplika biex ibiddel l-isem tat-triq.

Is-Sindku qal li l-għada tal-laqgħa l-Kunsill se jkollu laqgħa mal-kuntrattur tal-knis fl-10.00 am u li l-Kunsill kellu jħallas għal tlett *extra services*.

Is-Sindku qal li rigward ir-recycling skip il-Kunsill kien ser jiġi iċċarġjat €70 oħra għal kull kollezzjoni. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li ma kinitx tagħmel sens li l-Kunsill iżid bin oħra għal *recycled waste* għaliex minħabba li l-flixken qed jinġabru u għalhekk ma jibqax materjal riċikabbli x'jinġabar.

Is-Sindku qal li kellu laqgħa rigward ir-rotta tat-trasport pubbliku u spjega li r-rotta kienet ser tkun bħas-sena li għaddiet jiġifieri ġejjin mill-Belt lejn iż-Żurrieq il-karozzi kienu ser jgħaddu bħas-soltu mis-service road ta' Triq il-Kuċċard, jduru għal Triq il-Ħajt Ruman, Triq Ta' Ġawhar, Triq Dun Karm Vella, Triq il-Biedja u jkomplu lejn iż-Żurrieq.

Is-Sindku qal li l-Kunsill kellu suġġeriment li l-mobile toilets inpoġġuhom fi Triq iż-Żurrieq mal-ħajt tal-ġnien tas-sorijiet. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandhom jitpoġġew fejn qed jiġi suġġerrit.

Is-Sindku qal li kien kellem lil sid il-garaxx tal-Kunsill minħabba l-kuntratt tal-garaxx pero' kien irrifjuta li isir kuntratt għal ħames snin. Is-Sindku qal li sid il-garaxx kien qed jaqbel li l-kuntratt isir għal sentejn bil-possibilita' li jiġġedded għal sentejn oħra.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Claire Zammit qalet li kienet semmiet l-ħarġa għal Kemmuna. Hija qalet li kienet ġabret kwotazzjonijiet għal din l-attivita' u s-Supreme kien ta l-orħos offerta. Il-Kunsillera s-Sinjorina Claire Zammit qalet li l-prezz għal din il-ħarġa kien ser ikun ta' €20 għall-kbar u €15 għat-tfal.

**10.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

10.2.1 Is-Sindku qal li nhar l-Erbgħa 24 ta' Lulju, 2024 kellu laqgħa mal-*Community Police* fejn ġiet diskussa fost affarijiet oħra l-kwistjoni tal-Y-plates u l-issue tal-iskart irregolari fi Triq tal-Ajżar. Is-Sindku qal ukoll li kien għamel talba sabiex meta l-*Community Police* ikunu Ħal Safi bix-xift tal-ġurnata l-Kunsill jagħtihom lista' tal-permessi maħruġa mill-Kunsill sabiex idurhom u jaraw li min ikun qed jaħdem ikun konformi mal-permess approvat mill-Kunsill.

Is-Sindku qal li fil-fehma tiegħu l-Kunsill kellu jara x'ħa jiġri mill-għassa tal-pulizija issa li l-*Community Police* kienu qed jużaw is-sala tal-Kunsill. Is-Sindku qal li waqt il-laqgħa tal-Kunsill ix-xahar ta' wara l-Kunsill kellu jiddiskuti kif din il-kwistjoni għandha tiġi ndirizzata.

10.2.2 Is-Sindku qal li nhar it-Tnejn 29 ta' Lulju flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kien attenda laqgħa mal-Maniger tal-Ambjent tar-Reġjun, il-kuntrattur tal-kameras CCTV u rappreżentant mill-LESA fejn saret diskussjoni fejn kienu ser jitwaħħlu l-kameras. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien applika għal żewġ CCTV kameras, waħda quddiem il-Convenience shop fi Triq iż-Żurrieq u oħra fil-pjazza sabiex ma jitilgħux karozzi lejn Triq iż-Żurrieq. Is-Sindku qal li dik ta' quddiem il-Convenience shop ma kienx hemm problemi fejn ser teħel pero' dik tal-pjazza kellu żewġ suġġerimenti, jew isir pole quddiem il-letter box mal-każin tal-PN jew inkella l-kamera teħel quddiem id-Dementia Centre fejn taqbad il-karozzi telgħin lejn Triq iż-Żurrieq u maċ-ċitazzjoni jkollhom ritratt anness bħala indikazzjoni tat-tabelli No Entry. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nmorru għat-tieni soluzzjoni jiġifieri quddiem id-Dimentia Centre.

10.2.3 Is-Sindku qal li nhar il-Ġimgħa 2 ta' Awwissu sar l-iffirmar tal-kuntratt mad-Direttorat tal-Agrikoltura taħt l-iskema Ġonna fl-Urban sabiex jinżergħu s-siġar fl-Urban.

10.2.4 Is-Sindku qal li nhar it-Tnejn 5 ta' Awwissu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kien attenda laqgħa mal-Ministru Miriam Dalli us-Segretarju Parlamentari Omar Farrugia fil-preżenza ta' uffiċjali minn Project Green u Public Works. Is-Sindku spjega li l-laqgħa kienet titratta kif kien ser isir Gnien Dun Karm Vella u jekk jistax isir *underground parking*. Is-Sindku spjega l-perit ta' Public Works qal li l-problema sabiex isir l-*underground parking* kienet li kien jinħtieġ li jitneħħew is-siġar kollha tal-ġnien.

Minn naħa ta' Project Green qalulhom li kien hemm siġar li huma protetti (Pine Trees) li ma jistgħux jinqalgħu u jitħawwlu x'imkien ieħor għax imutu u għalhekk l-ERA ma kienetx se tagħti permess biex dawn jinqalgħu. Is-Sindku qal li hu ma jaqbilx li jinqalgħu siġar protetti u maturi li għandhom madwar 50 sena. Għalhekk għalissa l-*Public Works* kienu ser jagħmlu survey tal-ġnien u wara jgħadduh lill-Project Green biex jibdew jiddisinjaw il-pjanti huma, u jagħtuna s-suġġerimenti u ideat x'jista' jsir u wara l-Kunsill ikun jista jsejjaħ laqgħa ta' konsultazzjoni mal-pubbliku. Il-Kunsill qabel li almenu għandna nieħdu opinjoni ta' perit ieħor rigward is-siġar u f'każ li jkollna l-istess konferma mmexxu sabiex isir it-tisbiħ tal-ġnien biss.

10.2.5 Is-Sindku qal li fit-3 ta' Awwissu l-NGO *Visual non Visual* kienu talbu laqgħa miegħu fejn preżentawlu ktieb li ppublikaw huma stess. Huwa spjega li din l-NGO kienu qed jagħmlu proġett interessanti billi jkabbru l-pjanta Stevia li tintuża minflok iz-zokkor u x-xogħol kien qed jitwettaq minn persuni neqsin mid-dawl. Is-Sindku qal li din l-NGO kienu qed jitolbu lill-Kunsill sabiex jekk hawn residenti li xtaqu jgħinu fit-tkabbir ta' din il-pjanta kellhom ikellmu l-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Kurt Debono qal li meta jkollu attivita' l-Kunsill seta' jagħti fakulta' lil din l-NGO jarmaw stand u b'hekk inkomplu nżidu l-għarfien ta' din l-NGO u dwar dan il-proġett. Il-Kunsill iddiskuta li hekk kif dalwaqt ikollna Festa Familja f'Novembru nistednuhom biex jarmaw stand. Il-Kunsill qabel ma din l-inizjattiva.

10.2.6 Is-Sindku qal li kienet marret persuna tirraporta li parti fuq wara mill-Ġnien ta' Alexander Ball kienu waqgħu. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien talab għal kwotazzjonijiet għaliex ma stajniex inħallu l-periklu ta' ġebel jaqa' għat-triq u li kien jinħtieġ li jitranġa minnuhfih. Il-Kunsill qabel.

10.2.7 Is-Sindku qal li persuna kien qed jitlob biex issir mera sabiex minn ħiereġ minn Sqaq San Pawl Numru 1 ikun jista' jara vetturi ġejjin minn naħa tal-pjazza. Kien qed jitlob li l-Kunsill jagħmel mera fuq pole mal-ħajt tal-Każin. Il-Kunsill qabel.

10.2.8 Is-Sindku qal li kien daħallu suġġeriment sabiex nagħmlu fustun għall-festa *mar-roundabout* fi Triq il-Karwija. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nagħmlu wieħed bil-bozoz ħamsa ħomor u ħamsa bojod, pero' qabel niċċekjaw jekk it-triq wara l-mina tkunx miftuħa.

**10.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.**

10.3.1 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li l-mawra għall-Sqallija kienu marru numru sabiħ ta' nies u kienu marru tajjeb ħafna.

10.3.2 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet jekk il-Kunsill kienx jaf xi ħaġa rigward il-*post* li kienet qed tiċċirkola rigward l-*istray cats* u jekk ma ħarġitx xi liġi minħabba ċitazzjonijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li l-Kunsill ma kien

irċieva xejn ħlief li l-iskema kienet ġiet estiża. Il-Kunsill iddiskuta l-issue tal-*cat feeders* u li ġieli jkun hawn min mhux responsabbli u jħalli ħmieġ wara li jitma' l-qtates.

10.3.3 Nhar il-Ħadd 29 ta' Settembru, 2024 il-Blood Mobile Unit sa jiġi fil-pjazza ta' Ħal Safi.

10.3.5 Il-Kunsilliera s-sinjorina Joanna Abdilla għarrfet li sakemm tibqa din is-sħana l-lezzjonijiet tal-Pilates kienu ser jieqfu ftit.

10.3.6 Il-Kunsilliera s-sinjorina Joanna Abdilla qalet li f'Settembru, 2024 kellha l-ħsieb torganizza attivita' bħal canooing.

10.3.7 Il-Kunsilliera s-sinjorina Claire Zammit qalet li xtaqet issaqsi jekk Triq San Anton għaz-zona Ħlantun fejn il-post tan-nar setax il-Kunsill jagħmel xi ħaġa sabiex jekk tinqala' emerġenza u jkollhom bżonn ambulanza tkun tista' ssibhom. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li kien propja minħabba f'hekk li l-Kunsill kien ta isem lil din it-triq jiġifieri Triq San Anton sabiex din it-triq tibda tidher fuq *Google maps* u b'hekk il-problema sippost li kienet ġiet solvuta.

10.3.8 Il-Kunsillier is-Sur Kurt Debono staqsa jekk il-bozoz li issa kien ilhom żmien twil irrapurtati kienux jixegħlu. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-bozoz inbiddlu pero' baqgħu ma xegħlux u l-Kunsill kien irraporta lil Enemalta. Is-Sindku qal li filkaż nċemplu lil Enemalta sabiex naraw x'kienet il-problema.

10.3.9 Il-Kunsillier is-Sur Kurt Debono qal li ħdejn il-Mużew tas-subien fil-kantuniera kien hemm siġra li kibret ħafna 'l barra sabiex tinżabar.

10.3.10 Il-Kunsillier is-Sur Kurt Debono qal li kien avviċinah persuna li staqsa jekk il-Kunsill setax ikollu Nursery tal-futboll f'ismu. Is-Sindku kkonferma li l-Kunsill ma setax ikollu nursery f'ismu u li qabel l-elezzjoni kienu avviċinawh żewġ persuni sabiex f'Ħal Safi jkollna team tal-kbar. Saret diskussjoni u kien hemm qbil li l-Kunsill jara x'għandu f'moħħu din il-persuna.

10.3.11 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet jekk kellniex xi updates fuq *is-syntetic turf* tal-grawnd. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet għadha trid tibda taħdem fuq it-tender.

10.3.12 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet jekk kienx hemm xi update fuq il-bozoz tal-isqaq tal-Karwija. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li kienu saru x-xogħolijiet mill-kuntrattur u l-applikazzjoni ntbagħtet lil Enemalta sabiex issir il-connection tad-dawl.

10.3.13 Is-Sindku qal li l-Kappillan kien stieden lill-Kunsill kollu kif ukoll l-impjegati tal-Kunsill għal quddiesa solenni nhar il-Ħadd 25 ta' Awwissu u riċeviment nhar il-Ħamis 29 ta' Awwissu fis-7:30pm.

10.4 Festa Familja 2024

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien talab għall-kwotazzjoni għal organizer biex jieħu ħsieb Festa Familja 2024. Huwa ressaq il-kwotazzjoni dik ta' €1,500 Excl VAT. Is-Sindku ssuġġerixxa li nmexxu b'din il-kwotazzjoni sabiex ikun jista' jibda jaħdem fuq din l-attivita'.

Is-Sindku spjega wkoll li din is-sena l-World Children's Day kienet ser taħbat nhar l-Erbgħa 20 ta' Novembru, għalhekk issuġġerixxa li Festa Familja din is-sena ssir nhar il-Ħadd 17 ta' Novembru, 2024. Il-Kunsill qabel.

10.5 Korrispondenza

Is-Sindku ressaq email mingħand *Transport Malta* rigward applikazzjoni li l-Kunsill kien approva għal *communal parking* fi Triq in-Nassaba. Huwa qal li issa *Transport Malta* kienu biddlu l-policy għal dawn l-applikazzjonijet u minn issa 'l quddiem il-Kunsill u mhux l-individwu għandu japplika f'ismu.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li kien jinħtieġ isir rinfreskar tal-linji fi Triq il-Kuċċard, Stop Signs Triq is-Summien u Triq it-Tellerit.

10.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament.

**10.7 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fil-20.05. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar il-Ħamis 19 ta' Settembru, 2024 fl-4:00pm.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Johan Mula<br>Sindku | Doris Baldacchino<br>Segretarju Eżekuttiv |